TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 94/13-F

**Jonathan Shepherd**
**vs**
**Ray Bezzina Car Hire**

Illum 6 ta' Mejju, 2014

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-23 t'April, 2013 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' tmien mija u disgħa u tletin ewro, u sebgħa u tletin ċenteżmi (€839.37), rappreżentanti *overcharging* ta' ħsarat li sofra r-rikorrenti meta l-karozza tal-kiri kienet fil-pussess tiegħu.

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien ġie *overcharged* ta' ħsarat li sofra r-rikorrenti meta l-karozza tal-kiri kienet fil-pussess tiegħu.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, jinnota illi s-soċjeta' ntimata, debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, u msejjħa tliet darbiet, baqgħet ma dehritx għas-seduta.

Kif ukoll it-Tribunal jinnota li sal-ħin tas-seduta, s-soċjeta' ntimata kienet għadha ma bagħtitx risposta bil-miktub, u għaldaqstant it-talba mhux qed tiġi kkontestata.

It-Tribunal, wara li sema' lir-rikorrenti u kif ukoll ra l-provi u l-irċevuti li ssottometta r-rikorrenti ta' l-*overcharging* li ħallas, jikkonsidra li l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibbli u aċċettabbli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas is-somma ta' tmien mija u disgħa u tletin ewro, u sebgħa u tletin ċenteżmi (€839.37) bħala spejjeż żejda li ħallas ir-rikorrenti għat-tiswija tal-vettura, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**